**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 40/2015**

**Paul Busuttil (ID 519440M), Carmel Busuttil (ID 936650M), Paul Busuttil (ID 214154M), Joseph Busuttil (ID 691257M), Manuel Busuttil (ID 117667M), Paul Richard Busuttil (Numru tal-Passaport 207710237), Joan mart Emanuel Camilleri (ID 508856M), Paul Zammit (ID 714457M), John Busuttil (ID 711758M), Raymond Busuttil (ID 770661M), Emanuel Busuttil (ID 207068M)**

**vs**

**Carmel Cachia (ID 528861M)**

**Illum, 27 ta' April 2017**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi huma kienu jikru l-fond numru 6 Triq Santa Marija, Safi lil Salvina Cachia bhala d-dar ta' residenza taghha versu bl-kera annwu minimu stipulat skont il-ligi li fis-sena 2011 kien jammonta ghal €185 fis-sena.

2. Illi Salvina Cachia kienet tghix wahedha u mietet fit-30 ta' Settembru 2011.

3. Illi matul is-sena 2014 ipprezenta ruhu l-intimat, bin l-imsemmija Salvina Cachia fejn talab li jigi rikonnoxxut bhala inkwilin tal-istess fond.

4. Illi minn indagni li ghamlu l-esponenti, l-istess Carmel Cachia ma jissodisfax il-kweziti stipulati fil-ligi sabiex jigi rikonnoxxut bhala inkwilin u dan billi ma kienx persuna "li tkun ilha toqghod mal-inkwilina ghall-erba' snin mill-ahhar hames snin u wara l-1 ta' Gunju 2008 tibqa tghix mal-inkwilina sad-data tal-mewt tieghu".

5. Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiddikjara li l-intimat ma jissodisfax il-kweziti tal-ligi biex jigi rikonnoxxut bhala inkwilin a tenur tal-Artikolu 1531 (f)(i) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-mewt ta' Salvina Cachia u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimat fi zmien qasir li jigi hekk lilu prefiss u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

6. Bl-ispejjez kontra l-intimat u b'rizerva ghal kull pretenzjonijiet ulterjuri spettanti lir-rikorrenti liema intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Il-Bord ra ukoll ir-risposta tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda minhabba illi l-esponenti huma t-tfal legali u naturali ta' l-inkwilini skont artiklu 1531F tal Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u skont l-istess imsemmi artiklu kienu ilhom jabitaw il-fond residenzjali mal-inkwilini ghal iktar minn erba' snin "*mill-ahhar hames snin qabel l-1 ta' Gunju 2008*". L-istess esponenti "baqghu jghixu mal-inkwilini sad-data ta' mewthom". Ghalhekk Carmel Cachia u Maria Fatima Cachia jissodisfaw l-artiklu stipulat fil-ligi u b'hekk jista' jkun rikonnoxxut bhala inkwilin.

2. Illi l-attur kien irrifjuta l-kera din inghatat mill-esponenti minghajr ma kien hemm raguni valida fil-ligi u dawn gew konsegwentement depozitati fil Qorti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur, li minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2017, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu l-izgumbrament tal-intimat ghaliex ma jikkwalifikax sabiex jissuccedi lil ommu fil-kirja ai termini tal-Artikolu 1531F (i) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-intimat jeccepixxi illi huwa jikkwalifika sabiex jissuccedi lil ommu fil-kirja ai termini tal-istess Artikolu 1531F.

Illi permezz ta' nota pprezentata fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2017 a folio 54 tal-process, l-intimat ammetta t-talbiet rikorrenti b'dana illi jizgombra mill-imsemmi fond sal-01 ta' Gunju 2017 u l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Illi f'dik is-seduta l-partijiet qablu li l-kawza tmur ghas-sentenza a bazi tal-istess nota.

Ghaldaqstant, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond sal-01 ta' Gunju 2017. Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur